**Diskors mill-Onorevoli Louis Galea**

**Speaker tal-Kamra tad-Deputati**

**Parlament ta' Malta**

**fl-okkażjoni tal-kommemorazzjoni**

**tas-*SETTE GIUGNO***

**Is-Sibt, 7 ta' Ġunju 2008**

Għall-ewwel darba mindu ftit jiem ilu ftaħna l-Ħdax-il Parlament, qed infakkru s-***Sette Giugno***, ġrajja storika marbuta mar-rieda tal-poplu tagħna li jikseb rajh f'idejh fi ħdan demokrazija parlamentari.

L-elezzjoni ġenerali wasslet biex ġew eletti r-rappreżentanti tal-poplu fil-Kamra tad-Deputati għal din il-leġislatura. Iżda qed tagħtina wkoll opportunità għal riflessjoni u ħidma dwar proċess ta' tiġdid tad-demokrazija u ta' l-istrutturi li jħaddmuha u jwettquha. Fir-riżultat elettorali wieħed ma jistax ma jilmaħx sinjali ta' xewqet il-poplu tagħna għal tiġdid u żvilupp fid-demokrazija ta' pajjiżna.

L-ewwel għandna nibdew fil-Parlament.

Tajjeb infakkar li nhar il-Ħamis li ġej (12 ta' Ġunju) fl-Irlanda se jsir referendum li minnu se jiddependi jekk jidħolx fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona li jinsab għaddej mill-fażi ta' ratifika. S'issa rratifikaw it-trattat aktar minn nofs l-Istati Membri ta' l-UE, fosthom pajjiżna. Jekk it-Trattat jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar li ġej dan ikun ifisser bidla kbira fil-mod ta' kif jaħdem il-Parlament Malti. Dan għaliex it-Trattat ta' Lisbona jagħti rwol ġdid u ferm aktar wiesgħa lill-parlamenti nazzjonali bħala parti mill-pjan ta' l-imsieħba Ewropej li jwessgħu l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jinvolvu aktar minn qatt qabel il-parlamenti nazzjonali skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Dan huwa pass pożittiv ferm meta wieħed iqis li l-parti l-kbira tal-liġijiet li llum jgħaddu mill-parlamenti nazzjonali fl-Istati Membri huma liġijiet li oriġinaw mill-istituzzjonijiet

ta' l-Unjoni Ewropea. Madankollu iżda, għall-Parlament tagħna dan ikun ifisser li jiżdiedu bil-kbir l-obbligi ta' skrutinju ta' proposti u leġislazzjoni Ewropea. Għaldaqstant irid jitwettaq ma jdumx pjan ta' riforma sew fil-mod ta' kif jaħdem kif ukoll li jżid b'mod sostanzjali l-mezzi u r-riżorsi tal-parlament Malti sabiex jgħin lill-ogħla istituzzjoni f'pajjiżna u lill-membri tagħha jilħqu l-milja tad-drittijiet u l-obbligi ġodda tagħhom li jirriżultaw mis-sħubija ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea.

Minix ser nirrepeti dak li f'diversi okkażjonijiet bħal-lum il-predeċessuri tiegħi rrakkomandaw dwar l-iżviluppi meħtieġa biex il-Parlament jaħdem aħjar u jwettaq il-funzjonijiet tiegħu fiċ-ċirkostanzi msemmija. Huwa biżżejjed li wieħed jirreferi għar-riflessjonijiet għaqlin u riċerkati tagħhom. L-Speaker f'dan il-Parlament għandu jibda billi jadotta dawk ir-riflessjonijiet u jaħdem mal-membri kollha tal-Kamra biex iwassal għal ftehim dwar it-twettiq ta' diversi rakkomandazzjonijiet li ilhom għall-konsiderazzjoni tagħhom, u oħrajn li jistgħu jinbtu fi djalogu ġenwin u meħtieġ.

Fiż-żmien limitat li jista' jkolli jien nittama li nagħti sehem lejn dan il-proċess ta' riforma li għandu jwassal għal parlament nazzjonali ferm aktar effettiv, membri aktar attivi, u konsegwentement demokrazija aktar b'saħħitha f'pajjiżna.

It-tieni jeħtieġ intejbu l-għodda li bihom taħdem id-demokrazija – il-partiti politiċi, l-mezzi tal-komunikazzjoni, u s-soċjetà ċivili.

Huwa veru li l-iżvilupp ta' ambjent demokratiku hu proċess kontinwu u dinamiku li jibqa' jseħħ tul il-leġislatura kollha. Iżda nemmen li l-mument ta' dawn il-ġimgħat u xhur li għandna quddiemna huwa opportunità speċjali u unika biex tassew nagħtu spinta għat-tiġdid politiku u tad-demokrazija. Ma tiġrix kull sena li l-movimenti politiċi f'pajjiżna, għodda essenzjali għad-demokrazija parlamentari, jgħaddu minn fażi intensa ta' awtokritika, għażla ta' mexxejja ġodda, u ħarsa mill-ġdid lejn il-politika tagħhom sew fid-dawl tar-riżultat elettorali kif ukoll fid-dawl ta' dak li għaddejja minnu s-soċjetà, l-ekonomija u l-pjaneta li nabitaw. Nemmen li lkoll – fil-Parlament u barra – jeħtieġ nimpenjaw ruħna bis-serjetà biex it-tibdil ma jġibx miegħu biss ripożizzjonar kosmetiku tal-partiti għat-tellieqa elettorali, iżda wkoll evoluzzjoni, żvilupp u arrikkiment fis-sustanza tal-ħsieb, l-analiżi u l-azzjoni politika meħtieġa għall-ġid komuni, imdawlin mill-valuri u ideali li jħaddan kull wieħed u waħda minna.

Jien segwejt b'attenzjoni sew id-diskors tal-President ta' Malta fl-okkażjoni tal-ftuh tal-Ħdax-il Parlament kif ukoll sitt seduti sħaħ ta' dibattitu dwaru fil-Kamra fejn ħadu sehem numru kbir ta' Deputati. Minkejja l-kuntrasti, element ta' saħħa fih inniffsu, inħoss li kien hemm, tista' tgħid fid-diskorsi kollha, qbil politiku dwar il-kunċett bażiku ta' l-iżvilupp sostenibbli emfasizzat fil-programm tal-Gvern. Jien nemmen li din hi l-kwestjoni kbira li għandna quddiemna issa. U bħalma l-kwestjonijiet il-kbar matul l-istorja tagħna għaġinihom f'mixja ta' kuntrasti sakemm ġew risolti għall-ġid ta' kulħadd, kull darba b'qabża kbira 'l quddiem, hekk ukoll it-trapass lejn sistema ta' żvilupp sostenibbli ser tkun il-kwestjoni l-kbira li ser naffaċċjaw fis-snin li ġejjin li ser naffaċċjaw, mhux bla kuntrasti, iżda nittama b'impenn u konsistenza minn kulħadd.

Tajjeb li ħadd minna ma jilludi ruħu. L-għażla favur l-iżvilupp sostenibbli hi għażla radikali, ta' viżjoni, kuraġġuża, komplessa, impenjattiva. Jekk tassew nemmnu fiha it-tiġdid politiku li għaddej bħalissa irid ikun ispirat minn dan ukoll. Ifisser li rridu nagħtu tifsira ġdida lill-politika, insibu mod ġdid ta' kif nagħmluha, ta' kif niddjalogaw, biex bl-eżempju ngħinu l-poplu kollu jidħol f'din il-kultura ġdida ta' żvilupp sostenibbli.

Ħarsa ħafifa lejn il-kuntest storiku tas-***Sette Giugno*** turi biċ-ċar li bħala poplu, jekk nagħrfu naħdmu, aħna kapaċi nadottaw din il-kultura ġdida. Il-politiċi u l-Parlament, bit-tisħib ta' l-istituzzjonijiet, tas-soċjetà ċivili u l-mezzi tal-komunikazzjonijiet, huma strumentali biex dan iseħħ.

L-iċken daqqa t'għajn lill-Istorja ta' Malta turi minnufih li din hi esperjenza ta' poplu li għex kemm fid-dell u kemm fil-kumpanija ta' ġnus kbar. Kellna dejjem punti ta' riferiment wisq akbar minna. Minnhom il-poplu Malti silet il-kultura kbira, qadima tiegħu, tant li din hi kultura li tingħaraf l-aktar u l-aħjar skond kemm titqiegħed fil-qafas reġjonali, kontinentali u dinji tagħha. L-għarfien ta' l-Istorja ta' Malta mhux biss ma jagħlaqniex u ma jillimitaniex, imma saħansitra jurina, bħal f'mikrokożmu, fi kwadru żgħir u sħih, l-Istorja kumplessa tar-reġjun u tal-kontinent. Tassew, l-Istorja tagħna hi vetrina dinjija, mużew ħaj u mlewwen li diġà jiddokumenta l-fatt li, sa minn kmieni, aħna nappartjenu lilna nfusna daqskemm lil dinja wisq akbar. Fis-***Sette Giugno*** hemm anki t-tifkira ta' poplu li kien qiegħed ifittex drittijiet diġà rikonoxxuti f'diversi pajjiżi.

Parti kbira minn dan il-wirt hija politika. Bit-tħabrik tagħhom, ommijietna u missirijietna rnexxielhom iħallulna pajjiż li kien jaf jitmexxa u kien jaf ukoll imexxi. Ħallewlna patrimonju ta' dixxiplina u dmir u ordni, daqskemm patrimonju ta' emanċipazzjoni, jedd u libertà. Niesna l-qodma mhux biss kienu sudditi ta' ħakmiet kbar, imma kienu wkoll nies imwebblin bil-ħsieb li xi darba dik l-istess tmexxija f'pajjiżhom jeħduha f'idejhom huma nfushom. L-Istorja mżewqa tagħna tas-seklu għoxrin, b'kontinwazzjoni loġika u mistennija tas-seklu dsatax, hi manifestazzjoni ċara ta' dan. Għalhekk l-istudju ta' l-Istorja tagħna huwa mhux biss utli imma huwa wkoll kurjuż, interessanti. M'għandniex Storja monotona, u l-Maltin ta' qabilna juruna li sehemhom għamluh kollu, b'sens ta' lealtà. Kienu nies ta' dehen, għaqal, u kuraġġ, tant li kellhom il-ħila jibnu nazzjon minn art ċkejkna, u wasslu lill-pajjiż biex jikseb is-sovranità daqs kull pajjiż iehor, fi żmienha, meta l-pass tad-dinja kien jippermetti u meta l-maturità nazzjonali kienet laħqet il-grad meħtieġ.

It-tifkira tas-***Sette Giugno*** hi tislima doveruża lill-Maltin ta' żmien ilu li taw is-sehem tagħhom biex komplew imexxu lill-pajjiż fid-direzzjoni li l-pajjiż, mogħni diġà bl-istint ta' l-awtonomija, kien ilu sekli li beda jimxi fiha bil-mod, bi tbatija, b'ħafna żvantaġġi, imma b'konsistenza. Hija t-triq li l-Maltin imxew fiha anki b'determinazzjoni li tidher sewwa. Bl-għarfien storiku kbir li aħna għandna llum, daqskemm bis-sens tal-gratitudni li l-maturità tagħna tagħtina, inħarsu lura f'din il-ġurnata u nindunaw li dawn in-nies kienu ilhom li daħlu fil-kultura tad-demokrazija. Minn pass għal ieħor, il-Maltin ta' l-imgħoddi jfakkruna li l-lezzjoni l-kbira kienu ħaduha. Kellhom jitħabtu biex itejbu l-istrutturi tat-tmexxija, kellhom jitgħallmu jirraġunaw dejjem aktar f'termini ta' kuntratt

soċjali, b'rabta bejn is-sens tad-dritt u s-sens tad-dmir. Dwar din il-kisba kbira tal-kultura tal-bniedem, iċ-ċkejkna Malta ma kellha qatt dubju, u dan m'huwiex mertu żgħir. Il-bibljoteka Maltija hi mogħnija b'ħafna dokumenti tal-ħsieb demokratiku Malti.

Meta l-mentalità kontinentali kienet qiegħda taħdem u torqom dejjem aktar il-kunċett tad-demokrazija moderna, niesna ta' l-imgħoddi kienu qegħdin jitħabtu biex jiksbu sens akbar tal-jeddijiet nazzjonali tagħhom. Għal dan il-għan bnew l-ewwel assoċjazzjonijiet attivi tagħhom, waqt li bil-mod il-mod, u b'konsistenza, għaddew għall-akbar kisba fl-Istorja tal-modernità bikrija ta' Malta: it-twaqqif tal-partiti politiċi. L-iżvilupp tal-partiti tagħna, bħall-qawmien ta' dawk il-karatteristiċi li jagħżluna bħala nazzjon, huwa pass fondamentali fil-proċess twil li wassalna biex nirbħu l-kwestjonijiet il-kbar – biex naraw lil pajjiżna jilħaq is-sovranità, isir Stat indipendenti, isir Repubblika, jagħlaq il-bażi militari, u jsir membru fl-Unjoni Ewropea daqs ħaddiehor.

Hi ħaġa naturali għalina li nħarsu lura biex il-preżent isaħħilna l-kuxjenza tal-passat. Din iċ-ċelebrazzjoni, lilna lkoll, Stat u istituzzjonijiet u poplu, hi stedina oħra biex nikkoltivaw il-memorja nazzjonali tagħna, dik li niesna ħolqu u żviluppaw b'ħila kbira fid-drawwiet, fil-lingwa, fil-festività, fis-snajja', f'dak kollu li lilna llum mhux biss jimliena bil-fiduċja meħtieġa fina nfusna f'dinja tant kompetittiva, imma li wkoll jipprovdilna ġustifikazzjoni morali għall-ambizzjonijiet tagħna. Bil-koltivazzjoni tal-memorja nazzjonali tagħna nkunu qegħdin nirfinaw l-investiment fil-preżent tagħna u tal-ġenerazzjonijiet li ġejjin, u li xejn inqas minna  għandhom il-jedd li jsibu pajjiż li jilqagħhom u li jistgħu jiftaħru bih, mira ewlenija ta' l-iżvilupp sostenibbli.

Din ta' llum hi tifkira tal-qalb kbira u tal-moħħ għaqli li kellhom il-Maltin ta' qabilna, dawk li aħna llum irridu niftaħru bihom, infaħħruhom u nirringrazzjawhom għal kulma għamlu, b'sagrifiċċju u b'determinazzjoni li, aktar ma tqalleb fil-kotba ta' l-Istorja, aktar taraha tiddi u tibbrilla, sakemm kważi kważi ssir il-motiv prinċipali, ix-xejra l-aktar ovvja ta' poplu sħiħ, hu wkoll mimli fiduċja fih innifsu, ferħan bil-kultura tiegħu, u lest li jkejjel lilu nnifsu bir-riga tas-sens komun, ir-riga ta' ġnus oħrajn.

Għalhekk l-iżvilupp tas-sistema demokratika f'Malta, parti minn programm ta' kuxjentizzazzjoni nazzjonali, huwa mertu ta' ħafna Maltin li ħadu t-tagħlimiet il-kbar ta' l-Istorja internazzjonali, u b'sens qawwi ta' żmien, b'sens ta' kalkolu, kellhom il-ħila jagħmlu passi ġodda sakemm wasalna lkoll flimkien fil-livell ta' llum. Issa jmiss lilna lkoll li flimkien nitħabtu ħalli nilħqu quċċata oħra f'dan l-iżvilupp.

Is-***Sette Giugno*** huwa għalhekk tifkira ta' kif is-sagrifiċċju tal-Maltin ta' żmien ilu kien wieħed mill-mezzi li bihom inbniet u sseddqet is-sistema parlamentari tagħna. Din m'hijiex kisba żgħira, u din ukoll kienet waħda mill-kwalifiki li matul il-mixja kollha li għamel pajjiżna, bis-saħħa ta' partit u ta' ieħor, wassluna biex nimmeritaw ir-rikonoxximent sħiħ tad-dinja demokratika. Ma kinitx kisba li saret bix-xejn, ma kibritx weħidha u lanqas ma ngħatat bħala rigal, minħabba li ebda progress ma jinkiseb bix-xejn, u wisq inqas fil-każ ta' pajjiżi bi storja bħal tagħna.

L-avvanz enormi li għamlet is-sistema rappreżentattiva tagħna, il-grad ogħla ta' maturità li llum aħna lkoll ċerti u ferħanin li lħaqna minn elezzjoni għal oħra, u l-iżvilupp ta' ambjent ġenerali li jdur madwar l-idea demokratika: dawn huma kollha kredenzjali li llum niċċelebraw il-fatt li huma tagħna. Ħdimna għalihom ilkoll, minn żmien għal ieħor, b'metodi differenti, sikwit kuntrastanti u distakkati minn xulxin, imma dejjem unanimi, u ksibniehom ilkoll bħala patrimonju komuni, tagħna lkoll. Bil-kuntrasti tagħna ksibna l-kunsens, u bil-kunsens tgħallimna nirrispettaw il-kuntrasti tagħna. Id-demokrazija tagħna għalhekk hi kisba li jixraq li tkun imfakkra bħala sinjal tal-maturità kollettiva tagħna, fil-politika, fil-kultura, fl-ambjent ġenerali, fil-mentalità medja. B'sens qawwi ta' radd il-ħajr u ta' gratitudni lejn ommijietna u missirijietna li llum qegħdin infakkru, inħarsu lura u nindunaw li l-modernità tagħna għandha d-dejn tagħha ma' l-imgħoddi, u hi sewwasew ir-riżultat naturali ta' l-imgħoddi.

Kollox jurina li l-għarfien ta' l-Istorja hu parti mill-apparat mentali, spiritwali, li bih il-modernità tagħna jkollha żgur sisien sodi, sisien li jifilħu li fuqhom jitilgħu s-sulari ta' kull żvilupp meħtieġ, mitlub mill-epoka. L-istudju ta' l-Istorja huwa investiment prattiku, ekonomiku, għaliex jgħinna biex ikollna ġenerazzjonijiet li llum u hawn, issa stess, jafu minn fejn tlaqna, fejn ninsabu u fejn sejrin. L-Istorja, bħall-oqsma l-oħrajn marbutin mal-karattru distintiv tal-pajjiż, hi wieħed mill-mezzi li bihom Malta tagħraf tinserixxi lilha nnifisha dejjem aktar fil-kuntest internazzjonali. B'hekk tagħraf lilha nnifisha fil-kuntest ta' sħubija mibnija fuq ir-rispett. Mill-Istorja l-ewwel tagħlima li toħroġ hi r-rispett, u mbagħad il-gratitudni, il-kuraġġ, id-determinazzjoni, l-apprezzament ta' dak kollu li hu sabiħ u tajjeb.

F’kuntest bħal dan, il-Parlament jibqa’ jkun il-vuċi u l-kuxjenza tal-pajjiż, waqt li l-pajjiż jibqa’ jkun l-ispirazzjoni tal-Parlament.